32007D0074

6.2.2007 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 32/183

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-21 ta' Diċembru 2006

## li tistabbilixxi l-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' elettriċità u ta' sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija, li temenda d-Direttiva 92/42/KE[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/8/KE il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' elettriċità u ta' sħana li jikkonsistu f'matriċi ta' valuri diverenzjati b'fatturi rilevanti, inklużi s-sena ta' kostruzzjoni u t-tipi ta' fjuwil.

(2) Il-Kummissjoni lestiet analiżi ddokumentata kif xieraq skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/8/KE. L-iżviluppi fit-teknoloġija l-aktar disponibbli u ekonomikament ġustifikabbli li kienu osservati matul il-perjodu kopert mill-analiżi jindikaw li għal valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' elettriċità, għandha ssir distinzjoni relatata mas-sena tal-kostruzzjoni tal-unità ta' koġenerazzjoni. Barra minn hekk, fatturi ta' korrezzjoni relatati mas-sitwazzjoni tal-klima għandhom jiġu applikati f'dawn il-valuri ta' referenza billi t-termodinamika tal-produzzjoni ta' elettriċità mill-fjuwil tiddependi fuq it-temperatura tal-ambjent. Barra minn hekk, fatturi ta' korrezzjoni għat-telf evitat fil-grid għandhom japplikaw għal dawn il-valuri ta' referenzi biex jitqies l-iffrankar ta' enerġija akkwistat meta l-użu tal-grid hu limitat minħabba produzzjoni ddeċentralizzata.

(3) B'kuntrast, l-analiżi wriet li riġward il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' sħana distinzjoni relatata mas-sena ta' kostruzzjoni ma

[1] ĠU L 52, 21.2.2004, p. 50.

kinitx meħtieġa billi l-effiċjenza netta tal-enerġija tal-bojlers ftit li xejn tjiebet fil-perjodu kopert mill-analiżi. Ebda fattur ta' korrezzjoni relatat mas-sitwazzjoni tal-klima ma kien meħtieġ għax it-termodinamika għall-produzzjoni tas-sħana mill-fjuwil ma tiddipendix fuq it-temperatura ambjentali. Barra minn hekk, fatturi ta' korrezzjoni għat-telf tas-sħana tal-grid mhumiex meħtieġa billi s-sħana tintuża dejjem viċin tas-sit tal-produzzjoni.

(4) Il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza ġew ibbażati fuq il-prinċipji msemmija fl-Anness III(f) tad-Direttiva 2004/8/KE.

(5) Il-kundizzjonijiet stabbli għall-investiment fil-koġenerazzjoni u l-fiduċja kontinwa tal-investitur huma meħtieġa. F'din il-perspettiva hu xieraq li jinżammu l-istess valuri ta' referenza għal unità ta' koġenerazzjoni għal perjodu raġonevolment twil ta' 10 snin. Madankollu, meta jiġi kkunsidrat l-għan prinċipali tad-Direttiva 2004/8/KE li tiġi promossa l-koġenerazzjoni biex tiġi ffrankata enerġija primarja, għandha tingħata inizjattiva għar-retro-iffittjar ta' unitajiet qodma ta' koġenerazzjoni biex titjib l-effiċjenza tal-enerġija tagħhom. Għal dawn ir-raġunijiet il-valuri ta' referenza għall-effiċjenza tal-elettriċità applikabbli għal unità ta' koġenerazzjoni għandhom ikunu aktar stretti mill-11-il sena wara s-sena tal-kostruzzjoni tagħha.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Koġenerazzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*
*Twaqqif ta' valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza*

Il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' elettriċità u ta' sħana għandhom ikunu ddefiniti fl-Anness I u fl-Anness II rispettivament.

*Artikolu 2*
*Fatturi ta' korrezzjoni għall-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għall-produzzjoni separata ta' elettriċità*

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-fatturi ta' korrezzjoni ddefiniti fl-Anness III(a) biex jadattaw il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza ddefiniti fl-Anness I għas-sitwazzjoni ambjentali medja f'kull Stat Membru.

Il-fatturi ta' korrezzjoni għas-sitwazzjoni medja ta' klima ma għandhomx japplikaw għat-teknoloġija ta' koġenerazzjoni b'ċelluli li jaħdmu bil-fjuwil.

Jekk fit-territorju ta' Stat Membru d-dejta meteoroloġika uffiċjali turi differenzi fit-temperatura ambjentali annwali ta' 5°C jew aktar, l-Istat Membru jista', wara li jinnotifika lill-Kummissjoni, juża diversi żoni ta' klima għall-għan tal-ewwel paragrafu billi juża l-metodu ddefinit fl-Anness III(b).

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-fatturi ta' korrezzjoni ddefiniti fl-Anness IV biex jadattaw il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza ddefiniti fl-Anness I biex jevitaw telf mill-grid.

Il-fatturi ta' korrezzjoni għal telf evitat mill-grid ma għandhomx japplikaw għal fjuwils mill-injam u għal bijogass.

3. Fejn l-Istati Membri japplikaw kemm il-fatturi ta' korrezzjoni ddefiniti fl-Anness III(a) u dawk iddefiniti fl-Anness IV, huma għandhom japplikaw l-Anness III(a) qabel ma japplikaw l-Anness IV.

*Artikolu 3*
*Applikazzjoni tal-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza*

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza ddefiniti fl-Anness I relatati mas-sena tal-kostruzzjoni tal-unità ta' koġenerazzjoni. Dawn il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għandhom japplikaw għal 10 snin mid-data tal-kostruzzjoni tal-unità ta' koġenerazzjoni.

2. Mill-11-il sena wara s-sena tal-kostruzzjoni tal-unità ta' koġenerazzjoni, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza li bis-saħħa tal-paragrafu 1 japplikaw għal unità ta' koġenerazzjoni li jkollha 10 snin. Dawn il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għandhom japplikaw għal sena.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu s-sena ta' kostruzzjoni tal-unità ta' koġenerazzjoni għandha tfisser is-sena kalendarja tal-ewwel produzzjoni ta' elettriċità.

*Artikolu 4*
*Retro-iffittjar ta' unità ta' koġenerazzjoni*

Jekk unità eżistenti ta' koġenerazzjoni hi retro-iffittjata u l-ispiża tal-investiment għar-retro-iffittjar taqbeż 50 % tal-ispiża għal unità ġdida komparabbli ta' koġenerazzjoni, is-sena kalendarja tal-ewwel produzzjoni ta' elettriċità tal-unità retro-iffittjata ta' koġenerazzjoni għandha titqies bħala s-sena ta' kostruzzjoni tagħha għall-fini tal-Artikolu 3.

*Artikolu 5*
*Taħlita ta' fjuwil*

Jekk l-unità ta' koġenerazzjoni titħaddem b'taħlita ta' fjuwil il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata għandhom japplikaw proporzjonalment għall-medja bbilanċjata tal-kontribut ta' enerġija tad-diversi fjuwils.

*Artikolu 6*
*Destinatarji*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*
*Andris PIEBALGS*
*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNESS I

### Valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' elettriċità
### (imsemmija fl-Artikolu 1)

Fit-tabella hawn taħt il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' elettriċità huma bbażati fuq il-valur kalorifiku nett u fuq il-kundizzjonijiet standard tal-ISO (15°C tat-temperatura ambjentali, 1.013 bar, umdità relattiva ta' 60 %.

| | Sena ta' kostruzzjoni | 1996 u qabel | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006-2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tip ta' fjuwil | | | | | | | | | | | |
| Solidi | Faħam iebes/kokk | 39.7% | 40.5% | 41.2% | 41.8% | 42.3% | 42.7% | 43.1% | 43.5% | 43.8% | 44.0% | 44.2% |
| | Linjite / briketts tal-linjite | 37.3% | 38.1% | 38.8% | 39.4% | 39.9% | 40.3% | 40.7% | 41.1% | 41.4% | 41.6% | 41.8% |
| | Pit / briketts tal-pit | 36.5% | 36.9% | 37.2% | 37.5% | 37.8% | 38.1% | 38.4% | 38.6% | 38.8% | 38.9% | 39.0% |
| | Fjuwils mill-injam | 25.0% | 26.3% | 27.5% | 28.5% | 29.6% | 30.4% | 31.1% | 31.7% | 32.2% | 32.6% | 33.0% |
| | Bijomassa agrikulturali | 20.0% | 21.0% | 21.6% | 22.1% | 22.6% | 23.1% | 23.5% | 24.0% | 24.4% | 24.7% | 25.0% |
| | Bijodegradabbli (skart muniċipali) | 20.0% | 21.0% | 21.6% | 22.1% | 22.6% | 23.1% | 23.5% | 24.0% | 24.4% | 24.7% | 25.0% |
| | Skart mhux rinnovabbli (muniċipali u industrijali) | 20.0% | 21.0% | 21.6% | 22.1% | 22.6% | 23.1% | 23.5% | 24.0% | 24.4% | 24.7% | 25.0% |
| | shale taż-żejt | 38.9% | 38.9% | 38.9% | 38.9% | 38.9% | 38.9% | 38.9% | 38.9% | 38.9% | 38.9% | 39.0% |
| Likwidi | Żejt (gas oil + żejt residwu tal-fjuwil) LPG | 39.7% | 40.5% | 41.2% | 41.8% | 42.3% | 42.7% | 43.1% | 43.5% | 43.8% | 44.0% | 44.2% |
| | Bijofjuwils | 39.7% | 40.5% | 41.2% | 41.8% | 42.3% | 42.7% | 43.1% | 43.5% | 43.8% | 44.0% | 44.2% |
| | Skart bijodegradabbli | 20.0% | 21.0% | 21.6% | 22.1% | 22.6% | 23.1% | 23.5% | 24.0% | 24.4% | 24.7% | 25.0% |
| | Skart mhux rinnovabbli | 20.0% | 21.0% | 21.6% | 22.1% | 22.6% | 23.1% | 23.5% | 24.0% | 24.4% | 24.7% | 25.0% |
| Gassjiet | Gass naturali | 50.0% | 50.4% | 50.8% | 51.1% | 51.4% | 51.7% | 51.9% | 52.1% | 52.3% | 52.4% | 52.5% |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gass tar-raffineriji / idroġenu | 39.7% | 40.5% | 41.2% | 41.8% | 42.3% | 42.7% | 43.1% | 43.5% | 43.8% | 44.0% | 44.2% |
| Bijogass | 36.7% | 37.5% | 38.3% | 39.0% | 39.6% | 40.1% | 40.6% | 41.0% | 41.4% | 41.7% | 42.0% |
| Gass tal-ifran tal-kokk, gass tal-kalkara tal-funderija, gassijiet ta' skart ieħor, sħana ta' skart irkuprat | 35% | 35% | 35% | 35% | 35% | 35% | 35% | 35% | 35% | 35% | 35% |

## ANNESS II

### Valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' sħana (imsemmija fl-Artikolu 1)

Fit-tabella hawn taħt il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' sħana huma bbażati fuq il-valur kalorifiku nett u fuq il-kundizzjonijiet standard tal-ISO (15°C tat-temperatura ambjentali, 1.013 bar, umdità relattiva ta' 60 %.

| | Tip ta' fjuwil | Stim [*]/misħun | Użu dirett ta' gassijiet tal-egżost ** |
|---|---|---|---|
| Solidi | Faħam iebes/kokk | 88% | 80% |
| | Linjite / briketts tal-linjite | 86% | 78% |
| | Pit / briketts tal-pit | 86% | 78% |
| | Fjuwils mill-injam | 86% | 78% |
| | Bijomassa agrikulturali | 80% | 72% |
| | Bijodegradabbli (skart muniċipali) | 80% | 72% |
| | Skart mhux rinnovabbli (muniċipali u industrijali) | 80% | 72% |
| | shale taż-żejt | 86% | 78% |
| Likwidi | Żejt (nafta + żejt residwu tal-fjuwil) LPG | 89% | 81% |
| | Bijofjuwils | 89% | 81% |
| | Skart bijodegradabbli | 80% | 72% |
| | Skart mhux rinnovabbli | 80% | 72% |
| Gassijiet | Gass naturali | 90% | 82% |
| | Gass tar-raffineriji / idroġenu | 89% | 81% |
| | Bijogass | 70% | 62% |
| | Gass tal-ifran tal-kokk, gass tal-kalkara tal-funderija + gassijiet ta' skart ieħor | 80% | 72% |

* L-effiċjenzi tal-istim għandhom jitnaqqsu għal 5 punti ta' perċentwali assoluti fil-każ tal-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/8/KE inkluż ir-ritorn tal-kondensat fil-kalkoli ta' unità ta' koġenerazzjoni.
** Il-valuri għas-sħana diretta għandhom jintużaw jekk it-temperatura tkun ta' 250°C jew ogħla.

## ANNESS III

**Fatturi ta' korrezzjoni relatati mas-sitwazzjoni klimatika medja u metodu biex jiġu stabbiliti żoni ta' klima għall-applikazzjoni tal-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' elettriċità**
**(imsemmija fl-Artikolu 2(1))**

(a) Il-fatturi ta' korrezzjoni relatati mas-sitwazzjoni klimatika medja.

Il-korrezzjoni tat-temperatura ambjentali hi bbażata fuq id-differenza bejn it-temperatura medja annwali fl-Istat Membru u l-kundizzjonijiet standard tal-ISO (15°C). Il-korrezzjoni għandha tkun kif ġej:

telf ta' effiċjenza ta' 0.1 % ta' punt perċentwali għal kull grad 'il fuq minn 15°C;

akkwist ta' effiċjenza ta' 0.1 % ta' punt perċentwali għal kull grad taħt il-15°C;

Eżempju:
Meta t-temperatura medja annwali fi Stat Membru hi ta' 10°C, il-valur ta' referenza ta' unità ta' koġenerazzjoni fl-Istat Membru għandha tiżdied b'0.5 % ta' punt perċentwali.

(b) Metodu biex jiġu stabbiliti żoni ta' klima

Il-limiti ta' kull żona ta' klima se jkunu ddeterminati permezz ta' isotermi (fi gradi Celsius sħaħ) tat-temperatura ambjentali medja annwali li tinbidel tal-anqas 4°C. Din id-differenza fit-temperatura bejn it-temperaturi ambjentali medji annwali applikati f'żoni ta' klima ma' ġenb xulxin għandha tkun tal-anqas 4°C.

Eżempju:

Fi Stat Membru t-temperatura ambjentali medja annwali f'post A hi 12°C u f'post B hi 6°C. Id-differenza hi aktar minn 5°C. Għalhekk, l-Istat Membru għandu issa l-għażla li jintroduċi żewġ żoni ta' klima separati permezz tal-isoterm ta' 9°C, jiġifieri żona ta' klima bejn l-isotermi ta' 9°C u 13°C b'temperatura ambjentali medja annwali ta' 11°C u b'żona oħra ta' klima bejn l-isotermi ta' 5°C u 9°C b'temperatura ambjentali medja annwali ta' 7°C.

## ANNESS IV

**Fatturi ta' korrezzjoni għal telf evitat mill-grid għall-applikazzjoni tal-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza għall-produzzjoni separata ta' elettriċità (imsemmija fl-Artikolu 2(2))**

| Vultaġġ: | Għall-elettriċità esportata lejn il-grid | Għall-elettriċità kkunsmata fuq il-post |
|---|---|---|
| > 200 kV | 1 | 0.985 |
| 100-200 kV | 0.985 | 0.965 |
| 50-100 kV | 0.965 | 0.945 |
| 0.4-50 kV | 0.945 | 0.925 |
| < 0.4 kV | 0.925 | 0.860 |

Eżempju:

Unità ta' koġenerazzjoni ta' 100 $kW_{el}$ b'magna b'moviment alternat imħaddma b'gass naturali tiġġenera elettriċità ta' 380 V. Minn din l-elettriċità 85 % tintuża għal konsum tagħha stess u 15 % tiġi mgħoddija fil-grid. L-impjant inbena fl-1999. It-temperatura ambjentali annwali hi ta' 15°C (għalhekk ebda korrezzjoni klimatika mhi meħtieġa).

Skont l-Anness I għal din id-Deċiżjoni l-valur armonizzat ta' referenza għall-effiċjenza fl-1999 għall-gass naturali hu 51.1 %. Wara l-korrezzjoni tat-telf tal-grid il-valur armonizzata ta' referenza għall-effiċjenza għall-produzzjoni separata ta' elettriċità f'din l-unità ta' koġenerazzjoni għandu jkun (ibbażat fuq il-medja bbilanċjata tal-fatturi f'dan l-Anness):

Ref Eη = 51.1 % * (0.860 * 85 % + 0,925 * 15 %) = 44.4 %